



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-258/17

E.B.

vs

Versicherungsanstalt öffentlich Bediensteter BVA

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Verwaltungsgerichtshof (l-Awstrija))

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-15 ta' Jannar 2019

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Direttiva 2000/78/KE – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol – Artikolu 2 – Attentat ta' reat ta' indeċenza mwettaq minn uffiċjal tas-servizz pubbliku fuq minuri ta' sess maskili – Sanzjoni dixxiplinari adottata matul is-sena 1975 – Irtirar obligatorju kmieni flimkien ma' tnaqqis tal-ammont tal-pensjoni – Diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali – Effetti tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE fuq is-sanzjoni dixxiplinari – Modalitajiet ta' kalkolu tal-pensjoni tal-irtirar imħallsa”

1. *Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78 – Kamp ta' applikazzjoni razione materiae – Pensjoni tal-irtirar li tirriżulta minn irtirar kmieni obligatorju flimkien ma' tnaqqis tal-ammont tal-pensjoni – Inklużjoni – Kundizzjonijiet*
(Artikolu 157 TFUE; Direttiva tal-Kunsill 2000/78, Artikolu 3(1)(c) u (3))

(ara l-punti 41 sa 48)

2. *Politika soċjali – Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol – Direttiva 2000/78 – Kamp ta' applikazzjoni razione temporis – Inklużjoni tal-effetti futuri ta' deċiżjoni nazzjonali adottata qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva – Deċiżjoni dixxiplinari li timponi l-irtirar obligatorju ta' uffiċjal tas-servizz pubbliku bi tnaqqis tal-ammont tal-pensjoni tiegħu – Deċiżjoni li tinkludi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-orjentament sesswali – Obbligu għall-qorti nazzjonali li teżamina mill-ġdid it-tnaqqis tal-ammont tal-pensjoni mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva*
(Direttiva tal-Kunsill 2000/78, Artikoli 2 u 18)

(ara l-punti 49 sa 57, 61 sa 70, u d-dispożittivi 1 u 2)

Sunt

Fis-sentenza tagħha E.B. (C-258/17), mogħtija fil-15 ta' Jannar 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 fil-konfront ta' deċiżjoni dixxiplinari adottata fl-1975, li ordnat l-irtirar kmieni obligatorju ta' uffiċjal tas-servizz

pubbliku, flimkien ma' tnaqqis ta' 25 % tal-ammont tal-pensjoni tiegħu. Din is-sanzjoni dixxiplinari kienet ġiet imposta fuq uffiċjal tal-pulizija Awstrijak li wettaq ir-reat ta' attentat ta' reat ta' indeċenza ta' natura omoesswali ma' żgħażaġh. Fl-2009, il-persuna kkonċernata ppreżentat mal-awtorità tal-pensjonijiet talbiet intiżi, b'mod partikolari, għall-kontestazzjoni tal-effetti legali tal-imsemmija deċiżjoni dixxiplinari. Adita b'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju kkonstatat li d-deċiżjoni dixxiplinari kkontestata kienet ibbażata fuq differenza fit-trattament ibbażata fuq l-orjentament sesswali, sa fejn is-sanzjoni prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli meta sehew il-fatti kienet tkun kunsiderevolment inqas severa fl-assenza tan-natura omoesswali maskili tal-attentat ta' reat ta' indeċenza ssanzjonat. B'dan il-mod, hija ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78 f'kawża bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali u dwar l-obbligi li jaqgħu, jekk ikun il-każ, fuq il-qorti nazzjonali bis-saħħa ta' din id-direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qabelxejn iddeċidiet li sitwazzjoni bħal dik ikkreatta bl-irtirar obligatorju kmieni tal-ex uffiċjal tal-pulizija tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2000/78, sakemm il-pensjoni tal-irtirar imħallsa lil dan l-ex uffiċjal taqa' taħt il-kunċett ta' "paga", fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE. Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk din il-pensjoni tal-irtirar titqiesx, fid-dritt nazzjonali, bħala paga li tkompli titħallas fil-kuntest ta' relazzjoni ta' servizz li tkompli wara li l-uffiċjal ikkonċernat jibda jingħata l-benefiċċji tal-irtirar.

Fir-rigward tal-applikabbiltà *ratione temporis* tad-Direttiva 2000/78, il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement fakkret li dispożizzjoni legali ġdida ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali li nħolqu u li saru definittivi taħt il-liġi preċedenti, iżda biss għall-effetti futuri tagħhom, kif ukoll għas-sitwazzjonijiet legali ġodda. Minn dan isegwi li s-sanzjoni dixxiplinari li kkonsistiet f'li l-uffiċjal tal-pulizija jirtira kmieni b'mod obligatorju, minkejja li din hija bbażata fuq differenza fit-trattament ibbażata fuq l-orjentament sesswali u twassal għal diskriminazzjoni diretta fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/78, ma għadhiex tista' tiġi kkontestata abbażi ta' din id-direttiva peress li din saret definittiva qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tagħha u eżawriet l-effetti kollha tagħha meta daħlet fis-seħħ. L-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78 sa mid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tagħha timponi, min-naħa l-oħra, l-obbligu fuq il-qorti nazzjonali li teżamina mill-ġdid, għall-perijodu li jibda f'din id-data, is-sanzjoni diskriminatorja li tikkonsisti fit-tnaqqis ta' 25 % tal-ammont tal-pensjoni mħallsa perjodikament lill-ex uffiċjal, sabiex tiddetermina l-ammont li huwa kien jirċievi fl-assenza ta' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali.